L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 31 ta' Ottubru, 2003

## It-talba tal-fidili tas-sena

Mela kont miexja bil-passi tieghi jidwu quddiemi f'nofs ta' lejla fid-daqqa u l-hin nara dawl hiereg minn sprall. Mad-dawl stajt nisma' hafna tgemgim mill-boghod li ghall-bidu ma setax jinftiehem. U dlonk skoprejt, bi staghgib kbir, min kienu dawk in-nies li qed jaghmlu dak ir-ritwal religjuz mistur f'nofs ta' lejl!

B'ghageb kbir sirt naf li l-Gvern Nazzjonalista wkoll jaghmel il-penitenzi tieghu almenu darba fis-sena biex ipatti ghal dnubietu. Wiehed wara l-iehor il-ministri kollha jitolbu b'umiltà kbira lill-Mulej hanin jahfrilhom ta' fejn setghu naqsu lill-poplu jew ta' fejn setghu dinbu skond il-ligijiet stabbiliti mill-etika jew mill-Mulej.

It-talba ghall-ewwel hsibtha xi talba tal-fidili, izda wara donni aktar deherli ghandi nsejhilha litanija jew ruzarju ta' penitenzi. Ghalhekk, nitlobkom tinsatru flimkien halli mieghi tghidu r-ruzarju ta' penitenzi li nghata jghid il-Gvern presenti bhala tpattija ghall-izbalji tieghu matul din is-sena. Kelli cans ukoll, waqt li segwejt ir-rit b'attenzjoni, innizzel xi noti ta' min qal x'hiex ghalkemm ma ktibtx l-ismjiet kollha. Nispera li wahedkom taqghu l-ismijiet tal-persuni nvoluti.

**Talba tal-Ministri**

**L. Galea:** Mulej, ahfirli talli hallejt hafna ghalliema bla xoghol.
**L. Deguara:** Mulej ahfirli talli ghakkist lill-professjoni tal-qwiebel u l-infermiera u geghilthom jghaddu gimghat u snin shah f'kundizzjonijiet kif kien imwieghed.
**A. Gatt:** Mulej, ahfirli talli ghalaqt il-*Medigrain* u bghatt lil missirijiet ta' familji 'l barra bla xoghol.
**G. Pullicino:** Ahfirli Mulej talli kont komplici bis-shih ma' siehbi Ninu biex inwebbel lill-produtturi ta' l-inbid li kolox se jibqa' l-istess bi shubija shiha fl-Unjoni.
**J. Dalli:** Ahfirli Mulej talli qed nilghab bin-numri ta' l-istatistici tad-deficit.
**L. Gonzi:** Ahfirli Mulej talli kont komplici ma' Dalli ghat-tnaqqis fil-pensjonijiet.
**A. Gatt:** Ahfirli Mulej talli qarraqt bil-haddiema kollha tal-PBS f'ittra li bghattilhom qabel l-elezzjoni 2003 u m'ghedtilhomx li minn 185 se nnizzel in-numru ta' haddiema ghal 50.
**N. Zammit:** Ahfirli Mulej talli qridt il-Wied tal-Kalkara.
**G. Debono:** Ahfirli Mulej talli hallejt lill-*Gozo Channel* tissegrega lill-gzira Ghawdxija aktar minn qatt qabel bit-tnaqqis tal-vjaggi. Ismaghna nitolbuk Mulej.
**E. Fenech Adami:** Ahfirli Mulej talli geghilt lill-Gvern jivvota li l-Kazin Malti jmur bi Lm3,000 fis-sena kera biss. Ismaghna nitolbuk Mulej….
**J. Dalli:** Ahfirli Mulej talli naqqast hamsa fil-mija lill-Kunsilli.
**N. Zammit Dimech:** Ahfirli Mulej talli hallej vapuri tal-gwerra jiehdu post *cruise liners* ta' hames stilel.
**N. Zammit:** Ahfirli Mulej talli ppjanajt mizbla hdejn wirt storiku dinji.
**Ant. Mifsud Bonnici:** Ahfirli Mulej talli kont komplici ma' siehbi Johnny ghax-xokkijiet fil-pensjonijiet. Ismaghna nitolbuk Mulej.
**E. Fenech Adami:** Ahfirli Mulej talli qed nilghab bin-numri ta' l-istatistici dwar kemm hawn nies qieghda fil-pajjiz.
**J. Dalli:** Ahfirli Mulej talli ghal zmien twil nies minn dipartiment tal-gbir tat-taxxi allegatament iffrodaw l-istess lotterija li kienet theggeg lin-nies ihallsu t-taxxi tal-VAT.
**E. Fenech Adami:** Ahfirli Mulej talli taht it-tmexxija tieghi l-qghad tela' ghal 7.5% li minnhom 52.1% huma zghazagh.

**L. Deguara:** Ahfirli Mulej ta' l-irregolaritajiet kollha li ghaddew minn fuqi jew minn taht fix-xoghol ta' l-isptar il-gdid – *Mater Dei*.
**L. Galea:** Ahfirli Mulej talli hrabt mir-responsabbiltà ta' affarijiet xejn sbieh imwettqa mill-Fondazzjoni ghall-Iskejjel t'Ghada
**T. Borg:** Ahfirli Mulej talli taht it-tmexxija tieghi saret l-ikbar harba ta' klandestini mid-*Depot* u bzajt niehu r-responsabbiltà politika taghha.
**E. Fenech Adami:** Ahfirli Mulej talli gdibt pubblikament dwar Alfred Sant f'wiccu lejlet ir-referendum u wzajt affarijiet personali li lanqas biss huma veru biex niehu gwadann politiku.
**L. Galea:** Ahfirli Mulej talli taht tmexxija tieghi kellhom isiru zewg inkjesti dwar sigurtà fl-iskejjel wahda fuq *minibuses* u l-ohra dwar apparat sportiv fl-iskola.
**E. Fenech Adami:** Ahfirli Mulej talli hadt il-gvern b'qerq u b'weghdiet fiergha.
**J. Dalli**: Ahfirli Mulej ta' l-izbalji u l-mizuri anti-socjali li se naghmel fil-*budget* li jmiss.... Afrilna nitolbuk Mulej.

NB. Skuzawni ghax kont digà ktibt l-artiklu hadt zball! It-titlu huwa hazin! Dik li smajt jien ma kinetx it-talba tal-fidili tas-sena tal-PN izda t-talba tal-fidili tax-xahar! Ghax kumbinazzjoni lanqas indunajt li dawn id-dnubijiet kollha saru fix-xahar ta' Ottubru u billi l-ammont ta' penitenzi u dnubiet kien twil assumejt li d-dnubiet hadu sena biex saru! Mhux ta' b'xejn il-poplu jinsihom l-iskandli tan-Nazzjonalisti! Mela mohhhom se jlahhaq ma' l-ammonti ta' skandli li johorgu fl-ahbarijiet kuljum! In-nies lanqas biss qeghdin ikollhom cans jirkupraw minn xokk ta' skandlu qabel ma jsiru jafu b'iehor.

Mohhhom litteralment ma jistax ilahhaq! Anke l-Oppozizzjoni qieghda ssibha difícil tikkritika ghax ma tistax iddum tikkritika aktar minn jumejn ghax malajr ikollha ddawwar harsitha fuq xi skandlu iehor! F'it-TORCA ghidt li l-Gvern qed jaghti hafna xoghol lit-trejd unions flok ma jaghtih lill-haddiema. Kelli zball iehor hemmhekk! Mhux biss it-trejdjunjons se jispiccaw b'hafna xoghol fil-pajjiz – anke l-Oppozizzjoni u l-poplu!

U bilhaqq – ghamilt zball iehor! Meta nitkeb dan l-artiklu Ottubru lanqas kien ghadda kollu! Dak li smajt jien kien ta' xi 25 gurnata f'xahar. Jekk jinholoq xi skandlu iehor sakemm jigi ppubblikat dan l-artiklu f'l-orizzont jien nahseb li dak jinkluduh ma' Novembru – taf kif ?

Imbaghad, kif stajtu tinnotaw hemm certi dnubiet li l-penitenza taghhom tkun aktar harxa ghax ikollhom jitolbu l-mahfra kull xahar ghalihom – bhal per ezempju il-famuza gidba ta' lejlet ir-referendum.

U lin-Nazzjonalisti – ghal min jafhom sew – xejn ma nehodha bi kbira li qeghdin juza il-qrara tax-xahar biex, flok jindmu minn dnubiethom, biha juzawha halli taghtihom permess halli jindmu aktar. Ghaliex?

Ghax il-kelma *sorry* hawn min juzaha biex jaghmel xi haga hazina u jiskuza ruhu wara li jkun ghamilha (*fait accompli*) jew jghidha biex ikun qalha. Ghalmin jersaq ghas-sagrament tal-qrar jaf li hemm qrara u qrara. Il-qrar mhux qieghed hemm biex tbattal l-ixkora halli tkun tista' terga' timliha mill-gdid – izda biex tbattalha u kemm jista' jkun thallha vojta. Jista' jkun li l-Ministri Nazzjonalisti jqerru biex ibattlu l-ixkora ghax tkun faritilhom u jkunu jridu l-ispazju fejn jitfghu l-imbarazz il-gdid!

U nghidulhom ukoll li, daqskemm iqerr ghalxejn dak li jiggieled ma' huh u jahseb li ghax mar stqarr dnubietu lill-qassis barrani; dnubietu huma mahfura! – daqshekk iehor il-Ministri Nazzjonalisti jridu jitolbu mahfra lill-istess poplu li qieghed jintlaqat hazin.

U bilhaqq – insejt nghidilkom x'kienet l-ahhar kelma li ghedt qabel tlaqt minn fuq l-isprall! Ahfrilhom Mulej ghax ma jafux x'inhuma jaghmlu.

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net